## LAQGĦA TAL-KOMMUNITA

## l-Ħamis 5 ta' Diċembru, 2019

### RAPPORT AMMINISTRATTIV IMĦEJJI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV,

### GĦAL-PERJODU JANNAR SA DIĊEMBRU 2019

Din hija l-ewwel sena tat-tmien leġislatura preżenti tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, li bdiet f-Lulju 2019 taħt it-tmexxija tas-Sindku Romilda Baldacchino Zarb. Is-seba leġislatura intemmet f'Ġunju 2019 taħt it-tmexxija ta' l-eks Sindku Keith Cassar.

It-tmien leġislatura hija mgħamula min:

Romilda Baldacchino Zarb – Sindku

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Infrasstruttura
- Anzjani

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Finanzi
- PPP
- Urban Development Fund
- Komunita Kummerċali
- Infrastruttura
- Planning Authority
- Turizmu
- Gemellaġġi
- Permessi inkluzi dawk tal-festi
- Indafa (Viċi)
- Proġetti (Viċi)

Christopher Grech – Viċi Sindku

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Proġetti

Responsabiltajiet Oħra:

- Trasport Pubbliku
- Immaniġjar tat-traffiku
- Manutenzjoni tat-toroq
- Planning Authority
- Permessi inkluzi dawk tal-festi
- Infrastruttura (Viċi)
- Ambjent (Viċi)

Keith Cassar – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Komunitajiet

Responsabiltajiet Oħra:

- Festi
- Bord tal-Claims

Frans Deguara – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Integrazzjoni Soċjali

Dott. Angele Rapa – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Edukazzjoni

Responsabiltajiet Oħra:

- Pariri Legali
- Bord ta' l-aġġudikazzjoni ta' Tenders

Joseph Gatt – Kunsillier

Responsabbli mid-Dekasteru:

- Innovazzjoni

Responsabiltajiet Oħra:

- Enerġija Rinovabli
- Kwalita ta' Arja Aħjar

Rachel Abela – Kunsilliera

Responsabbli mid-Dekasteri:

- Għajnuna Soċjali

Responsabiltajiet Oħra:

- Mosta Solidali u Grupp Tislima

- Avvanz tal-Mara fis-Soċjeta
- Problemi ta' Housing

Shirley Abela – Kunsilliera

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Ħarsien ta' L-Annimali

Aiken Zerafa – Kunsillier

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Sports
- Attivitajiet Fiżiċi

Maria Pia Bonnici – Kunsilliera

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Ambjent

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Fondi Ewropej
- Youth Empowerment Centre
- Paġna ta' Facebook

Marvic Camilleri – Kunsillier

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Kultura

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Patrimonju Mosti
- Attivitajiet ġewwa l-Mosta
- Ġieħ il-Mosta / Jum il-Mosta

Joseph Edward Howard – Kunsillier

**Responsabbli mid-Dekasteru:**

- Indafa

**Responsabiltajiet Oħra:**

- Sigurta
- Edukazzjoni (Viċi)

Mikhail Micallef – Kunsillier

**Responsabbli mid-Dekasteri:**

- Zagħzagħ
- Tfal

## ❖ Xogħol Amministrattiv

L-akbar sfida hija fil-qasam amministrattiv, minħabba nuqqas ta' *staff* adegwat, apparti wkoll in-nuqqas ta' applikazzjonijiet li nirċievu biex il-bord ta' l-*interviews* jkun jista jgħażel. F'Diċembru ta' l-2018 il-Kunsill għamel l-*interviews* wara li ħareġ avviż mil-Jobsplus, biex jiġi impjegat skrivan, u spiċċajna biex is-sejħa tinbidel għal-żewġ skrivani li bdew f'Jannar 2019, wara riżenja ta' impjegata li kienet ila sena mal-Kunsill.

Reċenti l-Kunsill reġa ħareġ sejħa għal-skrivani ġodda li huma diġa approvati mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mil-Jobsplus, għal-skrivan skala 15 fejn b'dejna nirċievu l-applikazjonijiet, u żewġ skrivani fuq skala 16 li għad irridu nirċievu l-lista mil-Jobs Plus.

Il-Kunsill applika wkoll fl-iskema finanzjara favur il-komunita', biex jkollu impjegat tal-Community Inclusive Employment Scheme, fejn qed nistennew l-approvazzjoni ta' l-applikazzjoni li ġiet sottomessa mil-Kunsill.

Il-ħidma tal-Kunsill dejjem bla waqfien mhux biss bħala impenn lejn il-lokalita, imma wkoll fejn jidħlu proċeduri ġodda, u tibdiliet f'kull qasam li ta' spiss nirċievu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali f'ċirkularitajiet, direttivi u regolamenti. Proċedura mportanti li kull Kunsill kellu jimxi magħha hija dwar l-liġi tal-GDPR (Data Protection), fejn bħala Kunsill ġejna *in-line* ma din il-liġi u qegħdien nkomplu naħdmu mad-Data Protection Officer, biex nkomplu nirregolarizzaw ruħna u nibqaw aġġornati.

## ❖ Ilmenti

Problema prinċipali li jilmentaw fuqa r-residenti, hija dik li qatt ma jistaw jaqbdu meta jċemplu l-Kunsill. Għalkemm fl-2017 għamilna l-linji tal-PABX biex ma jibqawx *engaged* meta l-linji jkunu kollha okkupati, imma jiġu *call waiting*, xorta b'qajna nirċievu l-istess ilmenti. Din wkoll hija problema, u ħa tiġi solvuta billi ħa nimpjegaw tlett skrivani oħra biex nkunu nistaw nleħqu mad-domanda tal-pubbliku li jċempel għal-servizz u/jew biex jilmenta, kif wkoll ma dawk li jiġu dirett il-Kunsill biex jinqdew għas-servizzi li nofru. Wara li jiġu ngaġġati l-iskrivani l-ġodda nittamaw li dan is-servizz jitjieb sostanzjalment.

Aparti l-paġna ta' *facebook* u l-*email,* il-Kunsill nieda wkoll *website* ġdieda, fejn wkoll il-pubbliku jkun jista jkollu mezz ieħor biex jibgħat ilmenti u/jew kummenti, biex jikkomunkaw mal-Kunsill iktar faċilment.

Il-Mosta hija lokalita kbira fost l-akbar erbgħa lokalitajiet f'Malta, u l-Kunsill aparti li jrid jżomm kuntatt mar-residenti, hija priorita wkoll li nipruvaw nsolvu l-ilmenti kolla kif wkoll li naqdu lir-residenti fl-iqsar żmien possibli, skond il-*customer service charter* li ġie mniedi din is-sena.

Il-Kunsill jirċievi kwantita ta' lmenti u talbiet, li ivarjaw min rapporti ta' ħofor fit-toroq, problemi ta' drenaġġ, ilma tax-xita, nuqqas ta' dawl, lampi maqtugħin fit-toroq, sinjali tat-traffiku, u mitt ħaġa oħra. Is-soluzjoni għal-dawn il-problemi mhux dejjem tiddependi mill-amministrazjoni tal-Kunsill, għax f'ċerti ċirkustanzi jista' jkun meħtieġ aktar żmien biex tittieħed azzjoni. Dan minħabba li jkun jirrikjedi deċizjoni mill-Kunsill u / jew intervent minn entitajiet oħra, fejn ġieli jkollna nuqqas ta' koperazjoni, jew aħjar dewmien ta' azzjoni minn xi entitajiet kkonċernati, imma nista naċċerta lir-residenti Mostin li l-amministrazjoni tagħmel min kollox sabiex tissodisfa t-talbiet tar-residenti. Għalkemm mhux dejjem nkunu nistaw nikkuntentaw lil-kulħadd, mhux għax ma nkunux irridu, imma hemm regoli, proċeduri u l-liġi li rridu nimxu magħha.

## ❖ Prattiċi tax-Xogħol

Dwar prattiċi tax-xogħol (*work practices*) sar progress kbir f'dik li hija dixxiplina u proċeduri, u qed jiġi studjat proċess ġdied biex nimeljoraw il-mod ta' kif jidħlu l-ilmenti u jiġu reġistrati. Għalhekk, il-Kunsill qed jevalwa x'hawn fis-suq bħala *softwares.* L-iktar importanti huwa li dan is-*software* jgħati l-faċilita li kull ilment li jidħol jibqa segwiet sakhemm jiġi moqdi l-pubbliku, għax ħafna drabi tintbgħat it-talba lil xi entitajiet u nieqfu hemm.

Għalhekk, il-Kunsill qed jara biex jinvesti f'*software* li jiswa madwar €15,000 / €20,000, biex nkunu nistaw nimeljoraw is-servizz tal-*customer care,* u niffuzjonaw bl-aħjar mod possibli biex is-servizzi lir-residenti jkun mil-aqwa.

Naturalment, dejjem hemm lok għal-aktar progress u tassew onorata u kburija bit-tim fejn bin-nuqqasijiet kollha li jista jkollna, kull membru tal-istaff jagħti s-sehem kollu tiegħu, u kultant anke aktar min dak mistenni minnhom, biex flimkien magħhom naħdem u nattwa dak li l-Kunsill japrova għall-ġid tal-lokalita.

## ❖ Finanzi

Kull kunsill lokali f'Malta u Għawdex irid iħabbat wiċċu ma' kif jista jagħmel aktar xogħolijiet u jagħti aktar servizzi fil-lokalita tiegħu bl-ammont ta' flus li jirċievi mill-Gvern Ċentrali. Din is-sena il-Kunsill tal-Mosta rċieva is-somma ta' 1,304,076 Ewro mill-Gvern Ċentrali, liema allokazzjoni kienet maqsuma hekk kif inhu ġej:

- Parks, Ġonna u Soft Areas, u Pyblic Convenince € 77,905.54
- Manutenzjoni ta' toroq € 44,9750
- Immaniġġjar tal-iskart € 426,145.62
- Nefqa għall-amministrazzjoni € 256,608.55

Ma dawn kien hemm:

- €3,978 Ewro li l-Kunsill irċieva minn skemi tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali.
- €11,868.92 Ewro mid-Development Fund mil-Awtorita ta' l-Ippjanar.
- €44,184.42 Ewro mil Miżura 4.4 f'restawr ta' ħitan tas-sejjieħ.
- U flus oħra li għad irridu nirċievu, liema kuntratti tagħhom diġa saru.

Il-Kunsill reġa b'suċċess ħa jgħalaq is-sena b'*surplus*, fejn sa Settembru 2019 kelna bilanċ posittiv ta' FSI 53% li jammonta għal €697,374 Ewro.

❖ **Laqgħat tal-Kunsill**

Saru 8 laqgħat mil-bidu tat-tmien leġislatura tal-Kunsill u l-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt:

| | Preżenti | Skużat | Assenti |
|---|---|---|---|
| Sindku Romilda Baldacchino Zarb | 8 | | |
| Viċi Sindku Christopher Grech | 8 | | |
| Kunsillier Keith Cassar | 5 | 3 | |
| Kunsillier Frans Deguara | 8 | | |
| Kunsillier Dr Angele Rapa | 6 | 2 | |
| Kunsillier Joseph Gatt | 6 | 2 | |
| Kunsillier Aiken Zerafa | 6 | 2 | |
| Kunsillier Maria Pia Bonnici | 7 | 1 | |
| Kunsillier Rachel Abela | 8 | | |
| Kunsillier Shirley Abela | 7 | 1 | |
| Kunsillier Marvic Camilleri | 8 | | |
| Kunsillier Joseph Edward Howard | 7 | 1 | |
| Kunsillier Mikhail Micallef | 7 | 1 | |

## ❖ Affarijiet Oħra.

Progetti, attivitajiet, u servizzi li saru matul is-sena 2019 ser jigu trattati fir-rapporti li qed jigu ippreżentati mil-Kunsilliera responsabbli mid-Dekasteri tagħhom, u annessi mal-minuti bħala Appendiċi.

## ❖ Konklużjoni.

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lir-residenti għax bil-kooperazjoni tagħkhom nkunu nistaw nwettqu l-livell ta' servizz li nixtiequ lkoll flimkien. Mod speċjalment, tiddejqux tinfurmawna meta taraw xi forma ta' abbuz, għax b'hekk il-Kunsill flimkien mal-Pulizija tal-Mosta u LESA nkunu nistaw nieħdu l-passi meħtieġa. Wara kollox l-għan tal-Kunsill huwa biex jaħdem id f'id mar-residenti f'kull qasam ħalli nkunu flimkien il-protagonisti ta' Mosta aħjar u ta' suċċess.

Grazzi.



Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv

APPENDICI A

RAPPORT

Hidma tat-Tmien Kunsill Lokali tal-Mosta

Laqgha tal-Lokalita` ghas-sena 2019

L-ewwelnett hbieb grazzi talli llum nghaqadtu maghna ghal din il-laqgha tal-Lokalita` ghas-sena 2019, laqgha li ser taghtina c-cans nwasslu l-hidma li beda jipprepara biex iwettaq dan il-kunsill, filwaqt li wkoll inkomplu progetti li bdew jigu preparati fi tmiem is-seba legislature li waslet fi tmiema fl-ahhar ta' Gunju. Ahna bhala tmien legislature bdejna l-hidma taghna fix-xahar ta' Lulju, ezattament 5 ta' Lulju.

Jiena nemmen li ahna kollha rridu l-gid tal-lokalita`, ahna l-kunsillieri, l-haddiema fl-ufficcju tal-kunsill, Mostin u anka residenti Mostin kollha jinteressana li jkollna ambjent isbah madwarna, aktar indafa, aktar inkluzjoni, aktar progetti ghal-gid taghna lkoll.

LAQGHAT TAL-KUNSILL LOKALI

Matul is-sena 2019, issejhu 10 laqghat ghal waqt is-sebgha legislatura li minnhom saru 9 ghax wahda mill-laqghat ma saritx. Waqt il-legislatura taghna issejhu 10 laqghat li minnhom s'issa saru 8 ghax jonqos il-laqgha li ser issir it-Tnejn 9 ta' Dicembru fis-6.00pm.

LAQGHAT TA' KONSULTAZZJONI

Minn meta nghatajna bidu bit-tmexxija tat-tmien legislatura, ahna bdejna nahdmu biex ir-residenti taghna jkunu fuq quddiem u dan irridu naghmluh billi nisimghu t-talbiet u l-htigijiet tar-residenti taghna. Dan irridu naghmluh anka billi naghtu spazju ghal-laqghat pubblici biex inkunu nistghu niddiskutu ahjar.

Sa issa diga saru 4 laqghat ta' konsultazzjoni –

1. tnejn mar-residenti tat-triq Fabrizio Bartolo biex tigi diskussa l-applikazzjoni biex it-triq tigi zona pedonali b'access biss ghas-sidien ta' garaxxijiet,
2. saret ukoll laqgha ta' konsultazzjoni biex nibdew niddiskutu s-sitwazzjoni li jghaddu minnha r-residenti ta' kuljum fi Triq il-Parrocca u Triq Kurat Schembri liema sitwazzjoni ghad trid tkompli tigi diskussa u
3. t-tielet laqgha saret fuq talba tal-Awtorita` ta' l-Ippjanar fejn fl-ahhar seduta hija rabtitna, lilna l-Kunsill l-Lokali tal-Mosta biex nahdmu bhala mitgatur u nlaqqghu li-residenti ta' Triq il-Manwella u l-madwar flimkien mal-Mosta Football Club u Malta Football Association liema sitwazzjoni ghadha tirrikjedi aktar diskussjoni.

LAQGHAT OHRA

Matul din is-sena, kemm matul ix-xhur ta' hidma mis-sebgha legislature u anka matul ix-xhur ta' tmien legislature, hadna hsieb li jsiru laqghat kontinwi flimkien mas-Supretendent Simon Galea u anka l-ispettur, u dan sar biex ahna nizguraw ruhna li jkun hemm hidma kontinwa ghal gid tar-residenti fejn gie diskuss ukoll l-importanza ta' regular patrolling.

Kelna ukoll laqghat kontinwi flimkien ma' l-Ufficjal ta' Transport Malta u dan biex ikollna ndikazzjoni cara ta' x'decizzjoni l-ahjar li jiehu l-kunsill fuq direzzjoni tat-traffiku, fuq parkegg fost ohrajn.

Iltqajna wkoll fuq bazi regolari mac-Chairman u REO tal-LESA biex inkunu nistghu nassiguraw li nsolvu problemi ta' abbuz li ilhom hemm imma li wasal il-hin biex jibda jigi kkontrollat dan it-tip ta' abbuz.

Kelna ukoll laqghat flimkien ma' Infrastructure Malta biex jigu diskussi progetti ghall-lokalita` taghna. Numru ta' toroq li qatt ma saru biex jinghataw bidu bi bdil ta' servizzi u jsiru kif jixraq. Insemmu ukoll progetti biex tissolva l-problema ta' l-gharar, l-ewwel progett ta' dan it-tip ser ikun San Pawl tal-Qliegha, Triq il-Kbira u nkludejna ukoll Triq il-Gnejna.

TOROQ U BANKINI

Bhala toroq wasalna fl-ahhar fazi biex inkunu nistghu naghtu bidu ghax-xogholijiet fit-toroq Bonnijiet u Bajtar fejn ser jinbidlu s-servizzi u jinghata l-wicc bit-tarmac, progett li nistghu nwettquh grazzi ghall-fondi mir-Regjun.

Illum il-gurnata, it-toroq kollha ta' Malta saru responsabbilta` ta' Infrastructure Malta, izda minkejja dan ahna ser inkunu qeghdin nahdmu biex nwettqu certu toroq fosthom dawk li kienu kkonfermati mat-tmiem tas-sebgha legislatura, xoghol ta' infrastruttura li ghalihom ser inkunu qeghdin nibbenifikaw minn fondi ta' Urban Investment Fund – hames toroq:

- Sqaq Xorxa, Sqaq San Anton Abbati no 3 – dawn ser inkunu qeghdin napplikaw ghalihom mall-Planning Authority bhala block paving
- Triq Dun Mikiel Xerri, Triq Charles J Vassallo – dawn ser issiru concrete imprint u diga hadna hsieb li napplikaw ghall-permess tax-xogholijiet mat-TM.
- Triq Gnejna – din ghalissa qeghda on hold halli nistennew lill-IM tlesti x-xogholijiet ta' culverts biex tissolva l-problema ta' l-gharar f'din it-triq qabel inkomplu

Bhala kunsill kelna c-cans li naghmlu nirrangaw numru ta' bankini li kienu ta' periklu ghar-residenti, bankini li saru grazzi ghall-fond mghoddi lilna mill-progett tal-PAMA. Izda issa li dan il-fond wasal fi tmiem tieghu jiena nixtieq li ghas-sena 2020 ikomplu jsiru aktar bankini, bankini li huma accessibli ghal kulhadd inkluz ghal persuni b'dizabilita`.

Nixtieq nghaddilkom ukoll update ta' dak li thallas fl-2019 marbut mat-toroq li saru bejn 2008 u l-2012, permezz ta' l-iskema PPP1. Din is-sena ser inkunu hallasna l-ammont ta' Eur 29,922 u issa jifdal biss l-ahhar hlas ta' Eur 29,922 biex mat-tmiem tas-sena 2020 inkunu fdejna l-hlas ghal dawn il-progetti nfrastrutturali li ilhom li tlestew mill-2012.

PROGETTI

1. Fix-xahar ta' Jannar ser inkunu qed naghtu bidu ghax-xoghol ta' restawr jew bini mill-gdid ta' hitan tas-sejjieh. Progett li kien jinkludi fih dawn it-toroq:
   - Triq il-Lunzjata, Triq San Pawl tal-Qliegha, Dawret il-Wied u Vjal Ragusa imma din ta' l-ahhar giet rifjutata mill-Awtorita` ta' l-ippjanar u ghaldaqstant proponejna Triq il-Bidnija u bhalissa ninsabu ghaddejjin bl-ahhar preparamenti tad-dokumenti halli dan ikun jista` jghaddi ghall-approvazzjoni.

Progett parzjalment iffinanzjat mill-UE, b'valur ta' ftit aktar minn Eur 160,000.

F'Jannar ser nibdew ix-xoghol f'Dawret il-Wied, wara nkomplu Triq il-Lunzjata, imbaghad Triq San Pawl tal-Qliegha u fl-ahhar jekk jirnexxielna nkomplu fi Triq il-Bidnija.

2. Fix-xahar ta' Jannar ser naghtu bidu ukoll ghax-xoghol ta' restawr fuq 5 nicec u dawn ser ikunu:
   a. San Guzepp – Triq San Anton Abbati
   b. San Nikola – Triq San Gwann
   c. San Frangisk – Triq il-Kbira
   d. Sagra Familja – Triq Brittanja
   e. Mount Carmel – Triq il-Kbira

   Dan huwa progett li ser ikun qed jitwettaq mill-fondi tal-UIF total ta' madwar Eur 13,000.

3. Din is-sena gew installati s-sistemi ta' CCTV f'5 gonna:
   a. 15 t'Ottubru, Zokrija – Eur 3570
   b. Grognet de Vasse, Blata l-Gholja – Eur 3570
   c. Santa Margerita – Eur 2692
   d. Reggie Cilia – Eur 1600
   e. Gnien ta' l-Gharusa tal-Mosta – Eur 5558

   Investiment ta' madwar Eur 17,000 fejn l-ewwel 4 gonna bbenifikajna minn fondi tal-UIF filwaqt li s-sistema tal-gnien saru b'investiment mill-fondi tal-Kunsill.
   Bhalissa ghaddejjin b'installazzjoni ta' servizz ta' internet f'dawn il-gonna.
4. Progett iehor huwa l-progett ta' playing equipment fi 3 siti u dawn ser ikunu:
   a. L-outdoor gym fl-iskola taz-Zokrija
   b. 15 t'Ottubru, Zokrija
   c. Gnien Grognet de Vasse, Blata l-Gholja
5. Progett iehor ser ikun bdil ta' lampi ezistenti ghall-fanali godda biex jitkomplew it-toroq ta' minn fejn tghaddi l-purcissjoni tal-Gimgha l-Kbira.

KORSIJIET

Matul is-sena 2019 saru 21 kors fis-sala tal-komunita` li tinsab fit-tielet sular ta' dan ic-centru u gieli wkoll uzajna l-foyer biex naghtu l-opportunita` ghall-diversi korsijiet biex isehhu f'din il-binja. Korsijiet li jvarjaw minn taghlim baziku dwar promozzjoni tas-sahha inkluz korsijiet ta' Zumba u attivitajiet fizici, korsijiet tal-first aid, taghlim tal-lingwi, tal-kompjuter, combini fost korsijiet ohrajn. U jekk ghandkom xi suggeriment ta' xi tip ta' korsijiet li jinteressawkom, kellmuni halli nikkunsidrawhom.

GBIR TA' SKART

Nixtiequ ninfurmawkom li minn mindu bdejna l-gbir ta' skart organiku mix-xahar t'Ottubru 2018 sax-xahar ta' Novembru bhala lokalita` gbarna ftit aktar minn miljun u nofs kg – 1,504,940.00kg.

Bhala servizz ta' gbir ta' skart fil-Mosta noffru servizz ta' gbir tal-boroz organici t-Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha, riciklacc t-Tlieta u l-Hamis, borza s-sewda t-Tnejn, il-Hamis u s-Sibt u l-hgieg jingabar darbtejn fix-xahar, fl-ewwel u fit-tielet gimgha ta' kull xahar, sal-llum nhar ta' Gimgha.

Dwar bulky, rcevejna ftit aktar minn 8,000 telefonata ghal talba ta' servizz tal-bulky fir-residenzi Mostin, medja ta' 666 sejha fix-xahar.

DEKORAZZJONIJIET TAL-MILIED

Din is-sena bhal kull sena ohra sar it-tizjin fi Triq Kostituzzjoni u Triq il-Kungress Ewkaristiku, tizjin mill-isbah biex ikoll jghin lill-komunita` kummercjali fil-lokalita`, izda din is-sena ghall-ewwel darba ser inkunu qeghdin inzejnu l-perifiji tal-Mosta fejn ser inkunu qeghdin inzejnu z-zoni tal-Blata l-Gholja, Zokrija, Santa Margerita, Bidnija, Speranza u Ta' Mlit ghall-gid tar-residenti taghna.

MAGAZINE

Fl-ahhar wasalna biex jigi mqassam il-magazine li ser ikun jismu, Mosta Ghalik, fir-residenzi u fil-hwienet Mostin, aktar minn 9,000 magazine li ser jitqassam biex iwassal messagg minghand il-kunsilliera li jiffurmaw din it-tmien legislatura flimkien ma' nformazzjoni dwar attivitajiet li jkunu sehhew minn publikazzjoni ghall-ohra u nformazzjoni dwar il-lokalita`. Qeghdin nahdmu biex ikollna 4 hargiet ta' dan il-magazine kull sena. Nixtieq nirringrazzja lill-isponsors kollha li ghogobhom jirreklamaw f'dan il-magazine biex jaghtu s-sapport lill-kunsill lokali.

Din hija hidma li ahna bhala kunsill qeghdin nahdmu fuqha. Dawn huma uhud mix-xogholijiet li hdimna fuqhom f'dawn l-ahhar xhur minn x'hin gejna mghotija l-fiducja taghkom. Ahna l-kunsill taghkom u lilhinn mill-kuluri politici ahna qeghdin hawn biex nghinu r-residenti kollha Mostin u nisimghu ukoll il-minoranzi.

APPENDIĊI B

*Laqgħa Ġenerali Kunsill Lokali Mosta.*
*5 ta' Diċembru, 2019.*

**Rapport Ħidma Dekasteru Integrazzjoni Soċjali**

Mill-Kunsillier Frans DEGUARA

Wisq Rispettabli Sindku,
Sħabi Kunsillieri,
Għeżież Mostin,

Fil-25 Ġunju 2019, ġejna assenjati d-dekasteri mis-Sindku s-Sinjura Romilda Baldacchino Zarb, u lili fdatni li nkun parti minn dak tal-għajnuna soċjali u l-integrazzjoni soċjali. L-għada tlaqqa' s-sotto kumitat, u ġejt mgħarraf li se nkun parti minnu. Hawn sirt naf li l-membri tiegħu lanqas biss kienu jafu li l-Kunsill tal-leġislatura ta' qabel kien jorganizza l-ħarġiet kulturali u soċjali, anzi eżattament saru 47 ħarġa f'4 snin.

Għalhekk tlabt laqgħa mas-Sindku, li saret fit-12 ta' Lulju, u ġentilment iddiskutejna r-rwol tiegħi. Aktar tard fl-istess jum, erġajna ltqajna' mas-Sinjura Rachel Abela, il-Kunsilliera responsabbli mill-istess dekasteru. Rigward il-ħarġiet jien offrejt li naħdmu flimkien, il-Kunsilliera Abela u jien, u wara ninfurmaw lill-*helpers* tagħna biex, barra l-Kunsill, huma jbiegħu wkoll il-biljetti... kif dejjem għamilna fil-leġislatura ta' qabel. Iddiskutejna, iżda baqgħu jinsistu li nkun parti mis-sotto kumitat biss. Jien ma qbiltx.

Għalhekk is-Sindku assenjatli d-dekasteru tal-Integrazzjoni Soċjali waħdi. Issa dan għadu wieħed innovattiv, tant li anki l-komponenti tal-Ministeru responsabbli għadhom qed jaħdmu biex jaraw kif dan id-dekasteru jista' jitmexxa sew mill-Kunsillieri responsabbli.

Dan id-dekasteru jinkorpora fih ħidma biex jinstab l-aħjar mod kif u fejn il-Kunsill jista' jkun ta' għajnuna għal dawk ir-residenti li jħossuhom maqtugħin jew emarġinati mis-soċjetà, kif ukoll dawk il-barranin li jgħixu fostna, ħalli jintegraw aktar mal-komunità Mostija.

Kif dejjem għamilt, bdejt naħdem immedjatament, u ħadt l-inizjattiva biex nipprova nħejji ruħi kemm jista' jkun. Infatti bejn is-16 u d-19 ta' Settembru attendejt kors ta' 4 ijiem (*ADMin4ALL*), organizzat bil-għajnuna tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, li sar fil-kwartieri tagħha fil-Marsa. Dan il-kors tmexxa mis-Sinjura Marcelle Bugre.

Fil-25 ta' Settembru kelli laqgħa fis-sala tal-Kunsill Lokali mas-Sur Christian Micallef, rappreżentant tal-Ministeru responsabbli. Hawn iddiskutejna kif nistgħu nfasslu pjan ta' azzjoni. Iżda l-ikbar problema kienet u għada, kif il-Kunsill Lokali jista' jkollu l-kuntatt meħtieġ ma' dawn ir-residenti.

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Novembru, attendejt għat-tieni konferenza annwali dwar l-Integrazzjoni Soċjali, li saret fil-lukanda AX The Palace, Tas-Sliema. Din il-konferenza kienet immexxija mis-Sur Alex Tortell, taħt l-awspiċi tal-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u Ugwaljanza. Kien hemm diversi kelliema, li ttrattaw suġġetti ta' interess. Fosthom is-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, li saħaq fuq l-istess problema: dik tal-kuntatt. Għalhekk ġie maqbul li jibdew isiru diskussjonijiet, fosthom ma' Identity Malta, biex il-Kunsilli jkollhom xi forma ta' kuntatt, imqar mal-*leaders* tal-komunitajiet tagħhom. Hawn kelli kuntatti wkoll mas-Sur Gervais Cishahayo, u mas-Sindku tal-Imsida, is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai, li t-tnejn jaħdmu fil-Ministeru konċernat.

U propju dalgħodu stess, hawn fis-sala tal-Kunsill, kelli laqgħa oħra dwar dan is-suġġett, mas-Sur Alex Tortell mill-Ministeru, u l-Onor. Ivan Bartolo. Ġejna mgħarrfa b'diversi proposti, fosthom pereżempju li se jiġi introdott il-*Local Council Charter*, biex il-Kunsill ikollu xi punt ta' referenza; kif ukoll wara studju legali, kull barrani jkun irid jirreġistra mal-kunsill tal-lokalità tiegħu. Is-Sur Tortell kien kordjali ħafna, u għandna nżommu kuntatt bejnietna ħalli nkomplu naħdmu fuq dan id-dekasteru.

B'hekk nittamaw li almenu s-sena li ġejja, fl-2020, nibdew naraw xi forma ta' riżultati ta' din il-ħidma li qed issir b'risq ir-residenti kollha fil-komunità tagħna, speċjalment dawk li jħossuhom maqtugħin mis-soċjetà. Anki għax ma għandniex noqogħdu dejjem nippuntaw biss x'għandhom jagħmlu dawn il-persuni, iżda wkoll x'għandu jagħmel il-Kunsill Lokali biex iressaqhom lejh.

Grazzi.

APPENDICI C

Jiena: Joseph Gatt

Liema sessjoni tal-Kunsill fdat: Innovazzjoni – Arja Nadifa u Energija Renovabli.

Gejt mghoti dekasteru ta Innovazzjoni fejn diga tellajt diversi proposti bhall- Pjazza Tabib Chetcuti fejn ser isir zewg 'light poles' godda kif ukoll zewg bankijiet biex nies tal-madwar jistghu igawdi ftit hin ta rilassament.

Bhala Arja Nadifa mill-ewwel cheque tieghi bhala kunsillier xtrajt tnax sigra taz-Zebbugg u gibt sponsor ta erbghin sigra ohra ghat-total ta 52sigra li thawwlu Ta Targa Battery biex jidgawdew mill-familji Mostin.

Haga ohra huma zewg bozoz godda fi triq Parrocca u triq Patri A Fenech li suppost mexjin fuqhom.

Hemm hafna idejat li jistghu isiru realta u nispera li inkun nista inwettaqhom bil-ghajnuna ta shabi kunsilliera u bil-ghajnuna tas-sotto kumitat tieghi biex ikolna Mosta ahjar.

Fost dawn hemm

1. Traffic lights bir-running light ahmar jew ahdar ma l-art biex tghin iktar il-anzjani u nies go wheelchairs jaqsmu toroq tghana.
2. Air purifiers l-izjed zona tal-pjazza fejn hemm ammont kbir ta traffiku u ghandna iktar bzonn ta arja nadifa anke peress li illum il-gurnata hafna mit-tfal tghana ibghatu min asthma, dan qed nahdmu of f'id ma dekasteru iehor ta l-ambjent.
3. Haga ohra li nixtieq nahdem fuqa hi Science in the City, hemm bzonn diskussjonijiet iktar fil-fond ghal din il-haga.

Grazzi lil Mostin kollha. Grazzi ukoll tmur ghall-membri ta sotto kumitat tieghi.

Grazzi Joseph Gatt Kunsillier.

APPENDICI D

Shirley Abela,
Kunsilliera.

Rigward id-Deħasteru tiegħi li huwa Ħarsien ta l-Annimali, Jiena flimkien mas-Sotto Kumitat, kellna 6 laqgħat li tkellimna dwar x'hemm bżonn li jsir. L-aktar punt li qbilna dwarha Neutering fil-fatt tkellimna ma veterinarji li ser ikunu qegħdin jgħinuna bħala prezzijiet. Kif ikollna approvazzjoni ta Dan il-fond nistgħu nibdew. Ser inkunu qegħdin ngħinu ukoll bħala kunsill rigward ikel. Tkellimna li hemm bżonn nagħmlu cat shelters. Fil-pjan tiegħi għandi f'moħħi dwar Dog park moderat.

Tislijiet,
Shirley Abela.

APPENDICI E

Jiena: Aiken Zerafa

Liema sezzjoni tal-Kunsill fdat: Sports u Attivitaijiet Fizici

Jien komplejt nahdem fuq dak li ghamlu ta' qabli. Komplejt bil-"walking club" fejn kien imexxi min l-eks Sindku Keith Cassar, ga saru tlett mixijiet madwar il-Mosta. L-ewwel wahda kienet mixja ta' 2.5km, u l-ohrajn ta' 7.5km u 5km respettivament. Kien hemm ukoll il-young warriors, fejn jien u Mikhail Micallef applikajna f'isem il-Kunsill, fejn ippartecipaw 24 tifel u tifla. Din kienet tikonsisti f-obstacle race. Flimkien ma' Mikhail Micallef attendejna il-progett ta' Erasmus gewwa it-Turkija

Gie organizzat l-ewwel football tournament, fejn dan ser iseh nhar il-Hadd li gej.

Hemm hafna iktar idejjat ghas-sena li gejja, fosthom;

- Maratona
- Tournaments tal-football, basketball u diversi sport iehor fosthom table tennis.
- Tournaments tal-e-sports, dawn ikunu sports li jintlghabu fuq il-kompjuter.
- Sports day

Nispera li dawn l-idejjaqt jigu approvati kollha mil-Kunsill biex dawn isehu.

Grazzi

Aiken Zerafa.

APPENDIĊI F

Chris Grech
Joseph Gatt
Ruben Paul Borg
Simon Abela

Dekasteru ta l-Ambjent ghajjat l-ewwel laqgħa tieghu f'Ottubru 2019 fejn attendew Pia Bonnici, Simon Abela u Ruben Paul Borg. Chris Grech kien skuzat minhabba li kien ma jiflahx u Joseph Gatt kien skuzat minhabba emerġenza tal-familja.

F'din laqa gew diskussi l-aspetti li dan dekasteru ser jiffoka fuqhom ghas-sena 2020. Dawn huma tnejn, ambjent mill-aspett agrikolturlari fejn nzidu green areas u nhawwlu aktar sigar. Kif ukoll ambjent mill-aspett ta rikiclagg u naraw kif nistgħu nsaqqsu l-użu tal-plastik.

Fuq din ta l-ahhar, l-ewwel item li gie approvat mill-kunsill lokali hekk kif preżentat mis-Sindku fin-nuqqas ta Pia Bonnici hija il-water point system. Din ser nkunu qedin nintroduċu fil-pjazza u aktar il-quddiem f'zoni ohra fil-Mosta bl-ghan li jitnaqqas l-użu ta Single use plastic.

Proġett iehor li ghandu dan dekasteru li qed jigi ppjanat fuq 3 snin jiehu l-isem ta Farming Mosta. Dan gie diskuss fl-ewwel laqgha u qedin jahdmu fuqu Pia Bonnici u Simon Abela fejn ser issir programm ta taghlim fl-iskejjel primarji u il-quddiem nimxu ukoll fi djar Mostin. Bil-ghan li nzidu gharfien speċjalment fi tfal fuq it-tkabbir ta hxejjex u frott kif ukoll pjanti, fejn fl-ahhar dawn jigu mizruha fil-kommunità Mostija u nkomplu mal-progett ta Sindku tal-community gardens.

Dan huwa biss il-bidu, dan dekasteru ser jahdem id f'id ma dekasteri ohra sabiex naraw li nuzaw riżorsi kollha possibbli u verament ntejbu l-ambjent fil-Mosta

Maria Pia Bonnici
Dekasteru Ambjent

APPENDIĊI G

# Kunsill Lokali Mosta

## Kultura u Patrimonju Mosti

### Attivitajiet u Ġemellaġġi

**Rapport ta' Ħidma**

**Laqgħa Annwali**

**05 ta' Diċembru 2019**

Meta f'Ġunju ta' din is-sena ġejt elett bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Mosta wrejt ix-xewqa mas-Sindku li waqt it-tqassim tad-dekasteri tikkonsidra l-esperjenza tiegħi fil-Kultura u l-Imħabba li għandi għal Patrimonju Mosti . Minn qalbi nirringrazzja lis-Sindku u lil sħabi l-Kunsilliera li ogħġobhom jafdawni b'dawn ir-responsabiltajiet . Ma dawn żdiedu wkoll l-Attivitajiet u l-Ġemellaġġi li l-Kunsill għandhu mal-Bliet ta' Millbrae fl-Istati Uniti u Ragusa fi Sqallija .

Il-Mosta hija Belt li matul is-snin ipproduċiet uħud mill-aqwa Artisti fil-gżejjer Maltin . Mostin jew nies li jgħixu l-Mosta spikkaw f'diversi dixxiplini Artistiċi u Kulturali , minn Mużika sa Proża , minn Pittura sa Skultura kif ukoll fejn tidħol l-Arti Teatrali .

Jien nemmen li b'dan il-potenzjal kollhu l-Mosta għandha biex issir benniena ta' Attivitajiet Kulturali matul is-sena kollha .

Huwa fatt li ħadd ma jista jmerieh li mhux fuq bażi ndividwali biss il-Mosta tispikka , iżda fil-Mosta nsibu diversi Għaqdiet Soċjo-Kulturali li għamlu isem mhux biss għalihom iżda għal Mosta nġenerali . Ta' dan aħna bħala ċittadini li ngħixu fil-Mosta u Mostin oħra madwar il-gżejjer tagħna għandna għax inkunu kburin u nirrikonoxxu dawn l-individwi u għaqdiet li bil-ħidma tagħhom isawwru l-identita' Mostija .

Bħala Kunsill għandna noffru l-pjattaforma kollha meħtieġa biex dawn il-ħidmiet kemm jekk fuq bażi ndividwali u kif ukoll fuq bażi kollettiva fost l-Għaqdiet ikunu esposti u rikonoxxuti . Kif jaf kulħadd kultant l-ebda profeta ma hu milqugħ f'darhu , iżda bil-ħidma tagħna irridu nirrikonoxxu din il-minjiera ta' ġid li teżisti fil-Lokalita' tagħna .

Bħal ma għidt diġa' fl-introduzzjoni meta urejt ix-xewqa li bħala Kunsillier fil-Kunsill Lokali tal-Mosta jkolli r-responsabbilta tal-Kultura , tlabt ukoll anzi kważi nsistejt li magħha inwaħħad il-Patrimonju Mosti .

Fil-Mosta għandna Patrimonju kbir li ħallewlna missierijietna . Jekk biss wieħed isemmi r-Rotunda li llum saret Bażilika diġa jkun semma xi ħaġa kbira li jaf biha kulħadd , iżda fil-Mosta mgħonijin ukoll b'diversi Kappelli , Niċeċ u Siti Storiċi li aħna bħala ġenerazzjoni għandna d-dover li nieħdu ħsieb li nsalvawhom , nirrestawrawhom u nieħdu ħsiebhom . Il-Partimonju Mosti mhux biss fil-binjiet u monumenti , iżda fl-arkivji mużikali li jeżistu fil-Każini tal-Baned , l-istorja tal-Għaqdiet Sportivi u Kulturali u fuq kollox l-Għaqdiet u l-Voluntiera li jaħdmu fis-silenzju biex isawwru l-Mosta kif nafuha llum .

Wieħed ma jridx jinsa wkoll li Patrimonju ieħor daqstant importanti huwa l-Patrimonju Ambjentali li f'Wied il-Għasel għandhu l-vina prinċipali tiegħu .

Flimkien bil-ħidma tagħna lkoll dan kollhu jeħtieġ li jkun rikonoxxut u mħolli għal ġenerazzjonijiet ta' għada biex ikunu jistgħu igawduh .

Dan huwa d-dover u d-dmir tagħna ! Dan huwa l-impenn tiegħi

Pjan ta' ħidma għal sisien sodi biex ikollna suċċess f'dawn l-oqsma .

Bħala Kunsillier b'dawn ir-responsabiltajiet ser naħdem flimkien ma sħabi l-Kunsilliera u l-membri fis-Sotto Kumitati sabiex ikollna :

- Direttorju aġġornat ta' Għaqdiet Soċjo-Kulturali .
- Direttorju aġġornat ta' Artisti Mostin minn kull qasam
- Lista aġġornata ta' Niċeċ , Kappelli u Monumenti fil-Mosta . Din għandha tinkludi wkoll postijiet u siti storiċi madwar il-Mosta kollha.
- Kalendarju ta' Attivitajiet Kulturali u Soċjali bil-kollaborazzjoni tal-Għaqdiet u l-Artisti Mostin .
- Programm sħiħ ta' Restawr u upkeep ta' Monumenti , Niċeċ , Kappelli u Postijiet Storiċi . (*Bħal issa ser jibda restawr fuq ħames niċeċ wara li kien aġġudikat it-tender relatat . Dawn in-niċeċ li kienu approvati fil-leġislatura li għaddiet ser jibda r-restawr fuqhom fiż-żmien qarib .*)
- Programmi Edukattivi dwar il-Patrimonju Mosti , kemm dak Storiku , Kulturali , Sportiv u Ambjentali .
- Tisħieħ ta' Attivitajiet Lokali ġa eżistenti u ħolqien ta' oħrajn ġodda .
- Appoġġ u mhux kompetizzjoni għal Inizzjattivi ġodda u eżistenti maħluqa mill-Istudenti , Żgħażagħ , Għaqdiet u Artisti Mostin .
- Ħidma biex isiru skambji Kulturali ma Pajjiżi fl-Ewropa jew ma rħula u bliet madwar Malta u Għawdex . Dawn isiru biex ikomplu jkabbru l-għarfien tal-Għaqdiet u Artisti Mostin .
- Ikunu organizzati Photographic Walkabouts madwar il-Lokalita' kollha . B'hekk jiżdied l-għarfien ta' Siti , Toroq u żoni varji madwar il-lokalita' . Tingħata l-opportunita li x-xogħol ta' dawn il-Walkabouts ikun espost għall-pubbliku .
- Sinjali Informattivi biswit siti Storiċi u ta' nteress . Biex min ikun qed jarahom jew iżurhom għall-ewwel darba jkollhu stampa ċara ta' xi jkun qiegħed jara.
- Parteċipazzjoni akbar u aktar wiegħsa mill-Kommunita' u fil-Kommunita' fl-attivitajiet organizzati .
- Sostenn sħiħ lill-Għaqdiet varji fil-Mosta fil-ħidma u l-promozzjoni tagħhom fl-oqsma Kulturali , Sportivi u Soċjali . Kemm fil-Lokalita' kif ukoll lil'hinn .

- Titqajjem kuxjenza dwar l-Istorja u l-Patrimonju li ħallewlna missirijietna u li aħna fid-dmir li nħalluh għal uliedna .

Din il-ħidma ma nistgħux inwettquha weħidna , iżda bil-għajnuna ta' kulħadd naslu . Il-Kunsill Lokali tal-Mosta huwa mwaqqaf biex iservi lin-nies u dak li bħala Kunsilliera eletti ħlifna li nagħmlu f'kull qasam tas-soċjeta' Mostija . Għalhekk qed nistieden lilkom Mostin biex tkunu parteċipi fil-ħidma tagħna għal Mosta Aħjar !

Bħala Kunsillier responsabbli flimkien mas-sotto Kumitati li jaqgħu taħt dan id-dekasteru mill-ewwel ġurnata bdejna bil-ħidma tagħna .

- F'Settembru ħdimna biex organizzajna l-Attivitajiet ta' Jum il-Mosta . Nhar is-Sibt 14 ta' Settembru reġgħet kienet organizzata Festa Qargħasel li bħas-snin ta' qabel kellha partyeċipazzjoni tajba kemm min esebituri u parteċipanti kif ukoll mill-pubbliku nġenerali . Nemmen li din l-attivita' għad jonqosha biex tilħaq il-livelli mixtieqa . Din l-attivita kienet iffinanzjata mill-Budget tal-Kunsill Lokali kif ġej .

| | | |
|---|---|---|
| Set Up u Kiri ta' Venues | €5347.00 | |
| Reklamar | €325.00 | |
| Servizz ta' Park & Ride | €283.20 | |
| Traffic Management | €479.08 | |
| Entertainment | €964.00 | |
| Cleaning of Streets | €1067.66 | |
| Filming & Fotography | €795.00 | |
| Total | | €9260.94 |

- L-għada l-Ħadd 15 ta' Settembru bil-kollaborazzjoni ta' Heritage Malta kellna Open Day fil-Katakombi ta' Bistra , il-Kunsill ħa ħsieb li organizza Shuttle service mill-Pjazza sal-Katakombi matul il-ħinijiet tal-ftuħ . Is-Shuttle Service sewa lill-Kunsill Lokali €180.00
- It-Tnejn 16 ta' Settembru laħqu l-qofol l-attivitajiet ta' Jum il-Mosta bis-serata fejn fiha kienu rikonoxxuti diversi Għaqdiet u Individwi li min b'mod u min b'ieħor għamlu ġieħ lil Mosta u isem għalihom . Hawn ukoll inħoss li hemm x'jitranġa kemm fil-mod kif ikunu nnominati l-individwi u għaqdiet u kif ukoll kif issir il-votazzjoni . Din l-attivita kienet iffinanzjata mill-Budget tal-Kunsill Lokali kif ġej .

| | | |
|---|---|---|
| Set Up | €3210.00 | |
| Fiming & Fotography | €525.00 | |
| Reception | €1770.93 | |
| Brass Quintett Performance | €350.00 | |
| Mementos | €261.00 | |
| Adverts | €45.00 | |
| Sponsorships | | €390.00 |
| **Tortal** | | €5771.93 |

Rendikont iktar dettaljat jinsab mehmuż ma dan ir-rapport Doc:A

Matul dawn ix-xhur li ilna fil-kariga saru diversi laqgħat kemm ma individwi u kif ukoll ma għaqdiet li huma marbuta kemm mal-Kultura kif ukoll mal-Patrimonju Mosti dan biex il-ħidma tkompli tinfirex madwar il-kommunita' kollha . Il-Kunsill ikkolabora ma individwi u għaqdiet f'inizzjattivi u attivitajiet imwettqa minnhom. Bħala Kunsill irridu li nixprunaw iktar attivitajiet u inizzjattivi ta' din il-kwalita' .

- Fl-10 ta' Novembru fakkarna il-vittmi u l-Qalbiena Mostin li tilfu ħajjithom matul il-kunflitti li għadda minnhom Pajjiżna . Din l-attivita kienet iffinanzjata mill-Budget tal-Kunsill Lokali kif ġej .

| | | |
|---|---|---|
| PA System | €218.30 | |
| Fotography | €125.00 | |
| Mosta Scouts & Girl Guides | €150.00 | |
| 2 Wreaths | €80.00 | |
| Police Service | €327.75 | |
| **Total** | | €901.05 |

Rendikont iktar dettaljat jinsab mehmuż ma dan ir-rapport Doc:B

Din is-sena fiż-żminijiet sbieħ tal-Milied u l-ewwel tas-sena , apparti t-tiżjin u l-armar li jsir il-pjazza , fuq inizzjattiva tas-Sindku se jkunu mżejjna diversi żoni madwar il-Mosta wkoll fosthom il-Bidnija . Matul ix-xahar ta' Diċembru l-Kunsill Lokali ħa ħsieb biex terġa tintrama s-Siġra tal-Milied fil-Pjazza u kif ukoll se tintrama sistema ta' Awdjo biex tindaqq mużika addatata u jixxandru reklami ta' dawk li jogħġobhom jikkontribwixxu matul it-toroq prinċipali fil-Mosta . Dan ikompli jżid l-atmosfera ferriħija ta' dan iż-żmien .

Matul is-Sena li ġejja l-Kunsill Lokali permezz tad-Dekasteru tal-Kultura u l-Patrimonju Mosti se jkun qed jimbarka fuq proġett bl-isem ta' Pass Pass mal-Patrimonju Mosti . Dan il-Proġett li d-dettalji tiegħu jinsabu mehmuża ma dan ir-rapport se jkun qed iwassal għarfien dwar il-Patrimonju Mosti f'kemm jista jkun djar u fl-iskejjel tagħna . Għal dan il-proġett il-Kunsill applika għal fondi mill-Proġett Soċjo Kulturali 2019-2020 immaniġjat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali b'Fondi tal-LESA . Din l-applikazzjoni kienet approvata u l-Kunsill ħa l-fondi mitluba . Aktar dettalji u nformazzjoni dwar Pass Pass mal-Patrimonju Mosti toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin .

Il-proġett propost jinsab mehmuż ma dan ir-rapport Doc:C

Bħala Kunsillier diġa ħadt ħsieb li jsiru kuntatti mal-Bliet iġġemmelati mal-Mosta , Millbrae fl-Istati Uniti u Ragusa fi Sqallija . Dan sar bil-ħsieb li jkomplu jissaħħu dawn il-ġemellaġġi u tikber il-koperazzjoni ta' bejnietna .

Fl-aħħar nett nixtieq nistieden lill-Mostin kollha sabiex ikunu iktar parteċipi fil-ħidma u l-attivitajiet tal-Kunsill Lokali matul is-sena . Il-Mosta hija kbira , iżda fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa u bl-għaqda ta' bejnietna lkoll ngħelbu kull ostaklu biex ikollna Mosta Aħjar .

Grazzi

Marvic Camilleri

Kunsillier responsabbli mill-Kultura u l-Patrimonju Mosti

Kunsill Lokali tal-Mosta

05 ta' Diċembru 2019

# PO's for Qalbiena Mostin 2019

| PO | Description | Supplier | 2019 | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | Postage for invites | Maltapost | | | |
| 1905 | PA System - Sounds Good | Jean Pierre Portanier Mifsud | €218.30 | | |
| 1903 | Photography | RC Photography | €125.00 | | |
| 1899 | Attendence to the remembrance day parade | Mosta Scout Group | €150.00 | | |
| 1898 | 2 Wreaths with flower arrangement | Karamellu Pet & Garden | €80.00 | | |
| 1906 | Police service | Police service | €327.75 | | |
| | Service of band | Socjeta Filarmonika Nicolo' Isouard | | | |
| | PA System for Serata Muziko-Letterarja | Pro Studios Ltd | | | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| TOTAL: | €901.05 | | |

**Doc:B**

# Purchase Orders for Qarghasel & Gieh/Jum il-Mosta 2019

| Number | Date issued | Supplier | Description | Qarghasel | Gieh il-Mosta | Amount |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1838 | 27/08/2019 | Malta Tourism Autority | 20 Trellised stalls incl. delivery | ✓ | | €280.00 |
| 1841 | 02/09/2019 | Sanitech Pemier | 4 mobile toilets | ✓ | | €118.00 |
| n/a | | Lesa | 4 wardens | ✓ | | €479.08 |
| 1844 | 04/09/2019 | Noel Pullicino | Tabels & Chairs | ✓ | ✓ | €235.00 |
| 1845 | 04/09/2019 | Dolci Creazioni | Catering incl. waiters & ice Gieh / Jum il-Mosta | | ✓ | €1,440.20 |
| 1848 | 10/09/2019 | Ta' Karla Cellars | Beverages Gieh / Jum il-Mosta | | ✓ | €330.73 |
| 1850 | 11/09/2019 | Cleansing Depatment | Washing pjazza and around area streets after qarghasel | ✓ | | €1,067.66 |
| 1852 | 13/09/2019 | Claudia Faniello | Performance | ✓ | | €275.00 |
| 1853 | 13/09/2019 | Joe Farrugia Dulli | Performance | ✓ | | €150.00 |
| 1854 | 13/09/2019 | Socjeta Filarmonika Nicolo Isouard | Hire of 2 halls & PA system + Brass Quintet | ✓ | ✓ | €650.00 |
| 1857 | 13/09/2019 | Besteam Audio Ltd | Audio / Stages / Lighting, Screen & Electricity incl. crew | ✓ | ✓ | €5,900.00 |
| 1858 | 13/09/2019 | Silverstar Transport Ltd | Park & Ride service | ✓ | | €283.20 |
| 1859 | 13/09/2019 | Parrocca Mosta / Grupp Armar | Purchase of tickets & services and Armar tal-pjazza | ✓ | | €1,150.00 |
| 1860 | 13/09/2019 | Sign It | Banner & hire of podium & Hire of exhibition blue felt panels | ✓ | ✓ | €849.60 |
| 1861 | 13/09/2019 | Fabrizio Faniello | Performance | ✓ | | €275.00 |
| 1862 | 13/09/2019 | Flicks Production | Filming and editing High definition clips | | ✓ | €620.00 |
| 1863 | 13/09/2019 | Jason Cabs Ltd | Shuttle service for Niftakar ta' Bistra (15/9/2019) | | | €180.00 |
| 1864 | 13/09/2019 | Rodney Cassar | Photography | ✓ | ✓ | €350.00 |
| 1868 | 16/09/2019 | Mdina Glass | Mementos | | ✓ | €261.00 |
| n/a | 11/09/2019 | DOI | Advert Government Gazette (Traffic movement 14th & 16th) | ✓ | ✓ | €45.00 |
| 1875 | 10/09/2019 | Flicks Production | Filming during Gieh / Jum il-Mosta | | ✓ | €350.00 |
| 1876 | 10/09/2019 | Tiziana Calleja | Performance | ✓ | | €200.00 |
| | | Performing Right Society | Licence to cover live featured music | ✓ | | |
| | | Pia Bonnici | Facebook adverts Refunds | ✓ | ✓ | €50.00 |

| Total: | €15,539.47 |
|---|---|

**DOC: A**


Il-Kunsill Lokali Mosta
jippreżenta
Pass Pass
mal-Patrimonju Mosti
Sensiela ta' Attivitajiet bl-iskop li
jqajjmu nteress fil-Patrimonju Mosti

*Proposta mill-Kunsill Lokali Mosta għal Proġett Soċjo Kulturali- Sena 2019/2020*

# *Pass Pass mal-Patrimonju Mosti*

Dan il-proġett għandhu l-għan li jwassal il-ġid Patrimonjali Mosti għand dawk li sa llum il-ġurnata jew ftit taw kas jew għad ma kellhomx l-opportunita jkunu jafu dwarhu . Meta ngħidu l-Patrimonju Mosti nkunu qed nifmhu l-Patrimonju Arkitettoniku , Storiku , Kulturali u Ambjentali. It-tradizzjonijiet li sawwruna bħala lokalita' , is-snajja u l-ħiliet li ħaddnu missirijietna u għaddewhom lil ta' warajhom . Għandhu jkun l-impenn tagħna li dan il-wirt ma nitilfuħx u ngħadduh lil ġenerazzjoni ta' warajna hekk kif il-ġenerazzjonijiet ta' qabilna għaddewh sa llum .

Biex dan l-iskop jintlaħaq , waqt dan il-proġett qed nipproponu li jkunu organizzati diversi attivitajiet matul is-sena li ġejja . Dawn għandhom jinkludu :

- ***Mixjiet madwar il-lokalita' tal-Mosta . Dawn il-mixjiet li jkunu gwidati minn esperti fuq l-Istorja u l-Patrimonju Mosti għandhom iħeġġu nteress minn kull sezzjoni tal-kommunita' Mostija . Waqt dawn il-mixjiet ikun hemm sessjonijiet ta' fotografija u nformazzjoni dwar iż-żoni li nkunu qed inżuru .***



- *Wara ħidma minn diversi esperti tkun imnedija Mappa aktar aġġornata tal-Mosta li turi postijiet ta' nteress Storiku , Kulturali u Ambjentali madwar il-Mosta . Permezz ta' din il-Mappa jinħoloq itinerarju li jħeġġeġ mhux biss il-Mostin , iżda Maltin u barranin iżuru din il-lokalita' li għandha storja sa miż-żminijiet l-iktar bikrin . Din il-mappa tesponi postijiet li sa llum ftit jafu li jeżistu fil-Mosta . Din il-Mappa għandha issib postha f'postijiet prominenti madwar il-Mosta wkoll .*



- *Ikunu organizzati numru ta' taħdidiet u seminars dwar il-Mosta u l-Istorja tagħha . Dwar it-Tradizzjonijiet u s-Snajja , dwar il-posizzjoni strateġika li għandha din il-Lokalita' . Dawn it-taħdidiet għandhom ikunu akkumpanjati minn features Awdjo Viżivi u pubblikazzjonijiet informattivi . Dawn is-sessjonijiet għandhom isiru wkoll fl-iskejjel Mostin b'mod li jinfthemu mit-tfal biex b'hekk tidħol l-imħabba għal dak kollhu li huwa Mosti . Dan il-proġett għandhu jħeġġeġ jixpruna iktar għalliema biex ifasslu proġetti dwar il-Mosta u s-sens Ċiviku fost l-istudenti tagħna .*



- *Il-Proġett jaħseb biex isir stampar ta' pubblikazzjoni dwar il-wirt Patrimonjali Mosti u l-Materjal għal din il-Pubblikazzjoni għandha toħroġ mill-parteċipanti tal-istess proġett . Fl-istess ħin isir feature edukattiv dwar dak kollhu li l-Mosta għandha x'toffri .*



- *Fl-aħħar tal-Proġett li huwa stmat li jkun lejn tmiem is-Sena 2020 , il-Kunsill Lokali għandhu jorganizza attivita fejn ikun esebit il-Materjal kollhu miġbur flimkien ma proġetti dwar il-Patrimonju kollhu Mosti .*



Spejjez li għandhom ikunu koperti minn dan il-Proġett u l-fond relatat huma:-

| | |
|---|---|
| • Mawriet bi Gwidi professjonali | - € 750.00 |
| • Laqgħat fl-Iskejjel | - € 750.00 |
| • Filming u Editing ta' Feature Edukattiv | - € 1,500.00 |
| • Printing ta' Fuljetti u Pubblikazzjoni | - € 5,000.00 |
| • Exhibition | - € 2,000.00 |
| **Total** | **- €10,000.00** |

Marvic Camilleri

Kunsillier Responsabbli mill-Kultura u l-Patrimonju Mosti

APPENDICI H

Rapport ta' Ħidma 5ta' Diċembru 2019

Bħala Kunsillier ħadt il-kariga f' Lulju fejn ġejt mgħoti ir-responabilita tat tindif bl- għajnuna tas Sindku Romilda Baldachino Zarb.

Wara li giet diskussa is-sitwazzjoni ġie deċiż u ġew identifikati tlett prijoritajiet, meħtieġa b' mod imeddjat u liema prijoritajie huma kif ġejjin.

1: li tingħata ħasla il pjazza u it-toroq ta' madwar b' preparazjoni għal festa.

2: Li wara diskusjoniet mal Kuntratturi tizdied is-sorveljanza, permezz ta' spot checks fuq il-lant tax xgħoll, jiġifieri li nduru it-toroq u li naraw li ix-xgħol issir sewwa.

3: Il-Kunċett ta' zero tollerance meta jidħol infurżar fuq ir-rimi ta skart mhux skond l-iskeda jew f ħinijiet wara l-ħin stabilit.

Bħala pjan għal futur bdejn nikunsidraw u nidiskutu

1: Proġrammi edukattivi, programm fejn ninkludu lil pubbliku ingenerali

2: Progarmmi fejn nkomplu inżidu l għarfien dawr il-bżonn tal indafa u kif jafettwa saħħitna.

3: Programmi biex biex ikolna aktar arja nadifa.

Dawn it tip ta inizjativi ser jitħadmu bejn il kunsilliera kollha responsabbli. minn [illegible] oħra.

Xsar sa issa

24ta' Lulju tindifa minn Clean Malta fi triq il Pizatur u triq il Mastrudaxxa fuq inizjativa tas Sindku.

3 ta' Awissu Hasil tal Pjazza Rotunda.

7 ta' Awissu Twaħil ta' (ashtray dispensers) fil pjazza.

28 ta' Awissu post fuq face book dwar il policy ta Zero Tollerance fejn jidħol rimi ta' skkart.

2 ta' Settembru itellgħet informazjoni fuq FB Dwar il jiem u xi skart jinġabar fil jiem partikulari.

9 ta' Settembru Tneħħija ta' bring in sites li kienu iservu għal abbuż.

Kien hemm inizjativi oħra mis-Sindku bħall tindifa fl isqaq li mill Lidl jgħati għal Tarġa Gap. Dan minn barra laqgħat li saru ma diversi entitajiet biex flimkien naslu għal Mosta aktar Nadifa.

Baqgħa ħafna xi issir biss bil ħeġġa w limħabba minn kulħadd lejn il lokalita tgħana nistgħu naslu. Minn hawn niringrazzja lil sħabi il-kunsilliera kollha, ta' l-għajnuna li jgħatu u l kontribut siewi lil Lokalita.

[signature]

Joseph Howard

APPENDIĊI I

**Rapport tad-dekasteru 2019-2020 tal-Kunsillier Mikhail Micallef, inkarigat mit-Tfal u miż-Żgħażagħ.**

F'din il-leġislatura ġejt mogħti d-dekasteru tat-Tfal u taż-Żgħażagħ fejn niddejt żewġ Sotto Kumitati. L-ewwel Sotto Kumitat huwa magħmul minn ġenituri u edukaturi fejn fliemkin joħorġu l-ideat tagħhom biex norganizzaw attivitajiet għat-Tfal. It-tieni Sotto Kumitat huwa magħmul miż-żgħażagħ biex joħorħu b'ideat għall-attivitajiet għaż-żgħażagħ stess.

Bdejna billi bħala Sotto Kumitat taż-żgħażagħ organizzajna Car Wash, fejn ġbarna 690. Dawn inagħtaw lill-Puttinu Cares. Kelna l-opportunita' wkoll li imorru exghange fit-Turkija għall-10 t'ijiem ma' żagħżzagħ mit-Turkija, Greċja, Spanja u Ollanda. Hemm kelna ċ-ċans nippromuvu l-Mosta u l-Kultura Maltija. Bħala Sotto kumitat taż-żgħażagħ ħadna sehem wkoll fi clean up li ġiet organizzata mill-Kunsill stess.

Fejn jidħol Sotto Kumitat tal-Ġenitrui u Edukaturi , organizzajna sessjoni tat-Tisjir ma' Karmen Tedesco fejn grupp sabiħ tat-tfal kellhom l-opportunita' li jaħmu ħelu tradizzjonali Malti. Kelna wkoll attivita' ta' Trick or Treat. Ammont ta 100 tifel u tifla marru f'area fil-Mosta biex jiġbru il-ħelu mir-residenti stess. Kienet xi ħaġa sabiħa tara residenti Mostin jitħaltu u jilqagħu lil xulxin fi djarhom.

Is-Sena d-dieħla hemm pjan li nkomplu fuq li bdejna. Fejn jidħol żagħżugħ hemm pjan li norganizzaw avvenimenti li ma jkunux komuni. Imma b'mesagg. Hemm pjan li norganizzaw avvenimenti li jkunu anke soċjali u fuq saħħa mentali. Fejn jidħlu t-tfal nkomplu norganizzaw attivitajiet li jkunu għat-tfal, bħal ngħidu aħna lezzjonijiet taċ-ċeramika, sessjonijiet tat-tisjir u Ħarġiet interessanti fost l-oħrajn.

Mikhail Micallef

Kunsillier